L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 18 ta’ Novembru, 2020** fid-09:30 a.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehret Dr. Therese Comodini Cachia. Dehru whud mill-membri tal-familja

Deher Dr. Anthony Borg ghall-Avukat tal-Istat.

Il-Bord gie nfurmat li l-Avukat Dr. Pawlu Lia li kien ser jassisti lix-xhud Joseph Cuschieri ma setax jattendi dalghodu minhabba impenji urgenti ohra.

Il-Bord ghalhekk jordna li dan ix-xhud jidher quddiemha nhar il-Gimgha, 20 ta’ Novembru 2020 fil-11.00 a.m.

Sadanittant gie diskuss l-andament ta’ din l-Inkjesta u x’fadal isir qabel ma l-Bord ikun jista’ jghaddi biex jidderigi r-rapport.

Gie rilevat illi hemm backlog ghal dak li jirrigwarda t-traskrizzjonijiet tax-xhieda. Filwaqt li l-Bord jifhem u japprezza l-ammont ta’ xoghol illi dan jirrikjedi, jitlob lill-Amministrazzjoni sabiex tiehu l-passi mehtiega biex jassigura li t-traskrizzjonijiet ikunu lesti kollha fl-iqsar zmien possibbli.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 20 ta' Novembru 2020 fid-09.30 a.m. sabiex jixhdu l-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa u s-Sur Joseph Cuschieri.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta